**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-4 ta' Marzu 2021**

**Rik. Gur. Nru: 268/2019/3 JPG**

**Kawza Numru : 5**

**SA**

**Vs**

**JA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JA, datat 4 ta' Frar 2020, a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huwa għadu kif sar jaf illi ġiet intavolata kawża ta' separazzjoni fl-ismijiet premessi.*

*Illi r-rikors ġuramentat f'din il-kawża ġie notifikat fl-indirizz 3, Kunara, Vivion Street, St. Venera li huwa l-indirizz ta' omm l-esponent FA. Fil-fatt din tħalliet f'idejn l-imsemmija FA.*

*Illi għad illi l-esponent qiegħed fil-present jgħix m'ommu, ommu naqset li tagħtih ir-rikors ġuramentat li ġiet notifikata bih u għaddiet dawn id-dokumenti lill-esponent biss issa wara li għaddew l-għoxrin ġurnata intiżi għar-risposta ġuramentata.*

*Illi fid-digriet fl-ismijiet Renato Aquilina et -vs- Christopher James Arthur*

*Townshend et (deciza mill-Prim Awla fil-11 ta' Jannar, 2016; Rikors Maħluf Numru: 696/15 LM) intqal hekk:*

> *"F'każijiet bħal dawn, fejn il-konvenut għalkemm ma jkollu l-ebda intenzjoni li ma jiddefendix ruħu, u l-ebda intenzjoni li jinjora lill-Qorti, xorta waħda għal xi raġuni jew oħra li titqanqal fiċ-ċirkostanzi varjati tal-ħajja, ma jidhirx fl-udjenza inkella ma jippreżentax ir-risposta tiegħu fit-terminu mogħti mil-liġi, l-imħallfin tagħna matul iż-żmien iddeċidew daqqa favur il-konvenut u daqqa kontra skont id-disposizzjoni tagħhom, kif ukoll skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.*
>
> *Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'każijiet bħal dawn, għandha tingħata ċerta indulġenza lill-konvenut. Il-ġudikant qiegħed hemm biex jagħmel il-ħaqq. Il-proċess ċivili huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-kontradittorju, li l-iskop pubbliku tiegħu huwa li tingħata deċiżjoni ġusta għall-kontroversji; għan li jintlaħaq ħafna aħjar jekk iż-żewġ partijiet avversarji jipparteċipaw bis-sħiħ. In-nuqqas ta' parti f'kawża ossija l-kontumaċja jista' jkollha konsegwenzi serji u għalhekk trid tiġi evitata kemm jista' jkun."*

*Illi f'dik il-kawża il-konvenut addirittura kien notifikat hu stess bil-kontro-talba u xorta baqa' kontumaċi. L-iskuża tiegħu biex jitlob ġustifikazzjoni kienet li bi żvista ma rax id-dokumenti u xorta waħda l-Qorti awtorizzatu jippresenta r-risposta ġuramentata tiegħu.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzah jiġġustifika l-kontumaċja u konsegwentement tawtorizzah jippresenta r-risposta ġuramentata tiegħu u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SA, datata 24 ta' Novembru 2020, a fol 9 et seqq, li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament jiġi rilevat li minkejja li dan ir-rikors ġie preżentat propju fi Frar, il-konvenut naqas li jħallas u joħroġ notifika lill-esponenti. Madanakollu u sabiex jiġi evitat dewmien inutilment, l-esponenti qed tippreżenta r-risposta tagħha għall-imsemmi rikors;*

2. *Illi bl-imsemmi rikors il-konvenut qed jitlob sabiex jawtorizza l-kontumaċja u konsegwentement tawtorizzah jippresenta r-risposta ġuramentata tiegħu. Illi sabiex jagħmel dan huwa qed jallega li ommu naqset li tagħtih kopja tar-rikors ġuramentat filwaqt li jtenni li din tagħtu kopja wara l-20 jum mid-data tan-notifika, u dana minkejja li huwa jammetti li huwa jgħix taħt l-istess saqaf ma' ommu;*

3. *Illi ssir referenza għall-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra li f'każ ta' kontumaċja, il-konvenut irid jipprova "għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss";*

   *Illi f'dan ir-rigward, huwa ritenut **<u>fil-ġurisprudenza</u>** nostrana, b'mod partikolari fil-kawża **Samchrome Fze Vs Koncar Danko Et**[1], li "Id-deċiżjoni gwida f'materja ta' kontumaċja hija dik fl-ismijiet "**Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo**" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin rigwardanti l-kontumaċja:-*

   *(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*
   *(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*
   *(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*
   *(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*
   *(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi;*
   *(6) L-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat ghall-kolpa; ..."*[2]

---

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell datata 11 ta' Marzu 2016 mogħtija mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri, Imħallef Tonio Mallia u l-Imħallef Joseph Azzopardi (Rikors numru 842/14 JZM)

[2] Dawn l-istess prinċipji ġew ribaditi wkoll fis-sentenza Joseph Naudi Montalto vs emanuel Xuereb, deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 1995 u fil-każ Tal-Franciz Construction Limited vs Michale Ciappara deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-31 ta' Mejju, 2013 fost oħrajn.

*Illi di piu, il-Qorti kompliet billi għamlet referenza għall-żewġ sentenzi:* ***Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia*** *deċiża fis-16 ta' Frar 1996 fejn ġie ritenut li "F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja ġie dejjem ritenut li m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire'."; u referenza għas-sentenza fl-ismijiet "***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd***", deċiża fit-28 ta' Jannar 2005, fejn il-Qorti ta' l-Appell stqarret iżda li:-*

*"...L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema disrispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. ... Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola..."*[3]

3. *Illi mill-atti jirriżulta illi n-notifika seħħet nhar it-3 ta' Jannar, 2020 u ghalhekk il-konvenut kellu terminu li jaghlaq fit-23 ta' Jannar, 2020. Illi dan ma sehhx u r-rikors odjern gie ntavolat nhar l-4 ta' Frar, 2020 u għaldaqstant ghall-xahar wara l-istess notifika.. Illi filfatt jidher li l-konvenut ma hux qed jikkontesta l-validita' tan-notifika.*

4. *Illi l-esponenti qegħda ssostni li ma hemmx raġuni valida u dana għas-segwenti raġunijiet:*

a) *Illi primarjament ma ġiex tassew pruvat li s-sinjura FA ghaddiet l-istess rikors ġuramentat propju 20 jum wara l-istess rikors. Illi l-esponenti ssostni li dan huwa tentattiv ieħor tal-konvenut li jtawwal il-proċeduri stante li huwa għamila ċara magħha li ma jridtx jissepara;*

[3] Ara wkoll "*Vella pro et nomine v. Vella*", Appell Kummerċjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II –170); "*Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi,*" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili fit-12 ta' Diċembru 1975, "*Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul* "deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.

b) *Illi ma huwiex verosimili, li omm il-konvenut, irċeviet l-imsemmija dokumenti u damet ma tghaddihom lill-istess binha ghall-aktar minn 20 jum. Illi omm il-konvenut filfatt kienet taf ferm, li binha li qed jghix fl-istess residenza ghaddej mill-process ta' separazzjoni u ghandha l-gharfien biżżejjed li tirrikonoxxi li kwalunkwe dokumentazzjoni, speċjalment dik li ġejja mill-Qorti ghandha ċertu importanza.*

*Illi huwa filfatt aktar kredibbli li l-konvenut naqas li jwieġeb fil-hin bl-intensjoni li jkompli jtawwal il-proceduri. Jigi wkoll rilevat li l-konvenut fl-ebda mument mhu qed jikkontesta li huwa jirresjedi ma ommu, u ghalhekk l-esponenti ma tistghax tifhem kif adult idum aktar minn 20 jum ma jsaqsi se mai ghall-posta li jkun irċieva meta huwa jirresjedi f'dar ma xi hadd;*

c) *Illi jiġi wkoll rilevat li l-esponenti kienet diġà ntavolat proċeduri ta' medjazzjoni fil-passat u kif ukoll is-sena l-ohra u fl-istess atti, kienet intavolat rikorsi opportuni. Illi meta l-konvenut gie notifikat bl-istess huwa kien wieġeb u ghalhekk huwa konoxxenti tal-importanza li wiehed iwieġeb fil-hin u l-effetti legali fin-nuqqas;*

*Illi permezz ta' digriet datat 24 ta' Ottubru, 2019, l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta awtorizzat lill-esponenti tipproċedi b'kawza. Illi ghalhekk il-konvenut kien jaf li ser jirċievi dokumentazzjoni importanti dwar is-separazzjoni ta' bejnu u bejn martu;*

d) *Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Familja presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Robert Mangion datata 13 ta' Marzu 2018 (190/2017RGM) fejn f'dik il-kawza l-konvenut ttenta jqajjem ġustifikazzjoni simili ghan-nuqqas ta' kontumacja u sostna li ohtu ma taghtux l-inkartament dovut. Illi l-Qorti tenniet:*

*Fil-fehma taghha u mehud qies tar-rizultanzi tax-xhieda, m'huwiex verosimili li l-konvenut ma giex infurmat minn ohtu jew altrimenti ma kienx jaf bid-dokumenti li waslulu mill-Qorti. Wara kollox, jekk il-konsenja tal-kopja tal-att issir lil wahda mill-persuni indikati mill-ligi fl-Artikolu 187(1) tal-Kapitol 12, ghandu jigi prezunt ghall-finijiet tan-notifika illi hija waslet ghand id-destinatarju,, u ma hemm xejn fl-atti li tikkonvinci lill-Qorti li din il-presunzjoni giet meghluba f'dan*

*il-kaz. Pjuttost, hija l-fehma tal-Qorti illi oht il-konvenut, li jidher li fehmet tajjeb li d-dokumenti kienu mill-Qorti ghaliex stqarret li hi wkoll kienet irceviet atti gudizzjarji, kienet infurmat lil huha li kien ircieva dokumenti mill-Qorti u kien il-konvenut innifsu li ma agixxiex dwarhom tempestivament.*

*…. Meta jigi kkonsidrat illi l-konvenut kien ghadu kif ghadda mill-proceduri ta' medjazzjoni u ghalhekk kien jaf li l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bil-kawza dwar il-mertu tal-vertenza bejnethom u li ghalhekk kien hemm il-possibbilita` ossia il-probabilita' illi ser jigi notifikat bil-kawza relattiva fi zmien prossimu, il-verzjoni tal-konvenut m'ghandhiex mill-verita'.*

*Ghalhekk fl-isfond ta' dawn ir-ragunijiet l-esponenti tissottometti illi dak allegat mill-konvenut m'huwa xejn hlief gustifikazzjoni fjakka tal-kontumacja u disrispett lejn is-sejha tal-Onorabbli Qorti. Illi dan jikkonstitwixxi negliġenza (kolpa) lampanti da parti tal-konvenut peress li kellu biżżejjed żmien sabiex jagħmel l-arranġamenti kollha possibli u għalhekk l-iżball mhux impediment leġittimu.*

*Ghaldaqstant, it-talba kontenuta fir-rikors tal-konvenut għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjez kontra l-konvenut.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**FA, omm l-intimat**, xehdet in ezami[4] illi hija toqoghod Santa Venera u maghha jghixu hu l-intimat u li bhalissa hemm ukoll l-intimat jghix maghha. Tispjega illi kienu waslu xi karti mill-Qorti u hi tefghathom fil-*unit*, u insiethom hemmhekk. Sussegwentement, isostni illi darba minnhom ma tafx x'kien qalilha l-intimat ghar-rigward u taf li eventwalment kellhom ihalsu xi piena fuq ir-rikors. Mistoqsija mill-Qorti meta rceviet din il-karta tikkonferma illi hija ma tafx meta u li m'ghandhiex idea meta kien ix-xahar. Mistoqsija jekk hux fis-sajf jew fix- xitwa, tikkonferma li fis-sajf izda ma tafx ix-xahar. Mitluba twiegeb wara kemm zmien tat il- karta lill-

[4] Vide xhieda datata 3 ta' Dicembru 2020.

intimat, twiegeb li lanqas taf kienx ghax hu jew ghax baghtulu xi ittra li ghandu jhallas somma ghax ma dahalx il-karta tal-Qorti. Tispjega illi tahseb li minn dik id-data ta' meta sabuha ghaddew xi xahrejn u li imbaghad l-intimat mal-ewwel mar ihallas.

**In kontro-ezami** tikkonferma illi l-intimat ma' ilhux hafna jghix maghha. **Hija tichad li ilhu minn Jannar**. Izid illi l-Milied li ghadda ma kienx jghix maghha d-dar. Mistoqsija mill-Qorti jekk hux qabel il-*lock down* jew wara, ix-xhud twiegeb li qabel il-*lock down*, u izzid li xi **ftit qabel il-*lock down*** ghaliex minn Marzu l-intimat kien imur jiekol ghandha imma imbaghad jitlaq. Mistoqsija jekk tafx li l-intimat ghaddej b'separazzjoni, tikkonferma li taf b'dan u li ilha taf b'dan kemm ilhu li l-intimat mar ghandha u li qabel qatt ma kien isemmi xejn maghha. Ix-xhud ghar-rigward il-karti tiddikjara illi kienet hi li nesiet, ghaliex normalment meta tigi xi karta wara qiesu jumejn tinfurmah. Tikkonferma li qabel dan l-episodju, qatt ma kienet irceviet xi karti u ma tathomlux.

**L-intimat JA in ezami** jixhed[5] illi lejn l-ahhar ta' Novembru tas-sena 2019 kien ghadu kif hareg mill-programm u ghall-ewwel hu mar id-dar tieghu u prova joqghod wahdu izda ma rnexxilux. Isostni li l-ittri bdew jaslu ghand ommu, minflok id-dar tieghu, u cioe fl-indirizz 366 *Canon Road* Santa Venera, ma jafx ghal liema raguni l-ittri bdew jaslu d-dar t'ommu. Meta kien imur ghand ommu, xi kultant kienet tghidlu li giet ittra, jew gie hekk u kien jiccekjahom. Darba fost l-ohrajn, liema data ma jiftakarx, izda kien il-perjodu fejn kien diga qieghed jghix ghand ommu, qaltlu li ghandhu ittra izda li nesiet taghtililhu. Kif ra nduna li kienet qabzet b'xi gimgha jew gimghatejn u qalilha li din tal-Qorti u cempel lill-avukat, iltaqgha mieghu u ghamilu rikors.

**In kontro-ezami** jikkonferma li hu ilu minn Jannar jghix m'ommu, u li issa ilhu jghix hemm madwar sena. Izid illi hu ma kienx jistaqsi l-ommu ghall-posta ghaliex ma kellux mohh peress li kien ghaddej minn zmien hazin, pero' gieli kien jistaqsiha jekk gewx xi ittri u gieli kienet tghidlu hi. Mistoqsi jekk kienx infurmat bil-medjazzjoni u l-fatt li din kienet giet maghluqa u li huma setghu jifthu kawza ta' separazzjoni, iwiegeb illi kien jaf b'dan u jikkonferma li kien jaf li seta' jircievi xi haga, izda isostni li ma kienx jaf li effetivament ircevieha.

**Ikkonsidrat:**

Illi dan huwa digriet wara rikors intavolat mill-intimat datat 4 ta' Frar 2020 sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu. Jirrizulta li l-intimat kien gie notifikat bir-rikors guramentat tal-attrici fit-3 ta'

[5] Vide xhieda datata 3 ta' Dicembru 2020.

Jannar 2020 u ghaldaqstant kellu sat-23 ta' Jannar 2020 sabiex jipprezenta validament ir-risposta guramentata tieghu.

Jirrizulta izda illi l-intimat naqas milli jaghmel dan, u ghalhekk prezenta r-rikors odjern fl- 4 ta' Frar 2020, cioe xahar wara mid-data tan-notifika, sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu. Il-konvenut, li fil-present qieghed jirrisjedi m'ommu fl-indirizz 3, Kunara Vivion Street Santa Venera, u fejn effettivament gie notifikat, isostni illi naqas milli jirrispondi fil-hin mhux b'disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti, izda ghaliex ommu naqset li taghtih ir-rikors guramentat li giet notifikata bih u ghaddiet dawn id-dokumenti lilu biss issa wara li ghaddew l-ghoxrin gurnata intizi ghar-risposta guramentata. Mir-riferta jirrizulta illi r-rikors promotur thalla mill-Marixxall inkarigat f'idejn FA, li tigi omm l-intimat fit-3 ta' Jannar 2020. L-attrici minn naha l-ohra toggezzjona ghat-talba tal-intimat u tirrileva illi dak allegat mill-intimat m'huwx xejn hlief gustifikazzjoni fjkakka tal-kontumacja u li l-agir tal-intimat jikkostitwixxi negligenza lampanti da parti tal-konvenut.

Illi l-kwistjoni quddiem din il-Qorti hija dik li tirrigwarda l-kontumacja tal-imharrek u mhux is-siwi tan-notifika lilu tal-atti tal-kawza. L-intimat, fl-ebda waqt, fir-rikors tieghu ma jikkontesta l-validita' tan-notifika. Illi l-atti tal-kawza nfushom ma jaghtu l-ebda hjiel li sata' tassew kien hemm xi haga irregolari fin-notifika tal-atti tal-kawza li saret lil qarib jew membru tal-familja tal-imharrek. Ghalhekk, din il-Qorti sejra tillimita ruhha ghall-konsiderazzjoni tal-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja.

**Ikkonsidrat:**

Fir-rigward tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja, intqal illi biex il-kontumacja tal-parti konvenuta tkun gustifikabbli, din trid tkun involontarja, skatenata minn kawza gusta konsistenti f'impediment legittimu, liema impediment irid ikun indipendenti mill-volontà tal-konvenut.[6]

Illi fid-decisjoni fl-ismijiet ***Lorraine Nejjar vs Zoher Ibrahim Nejjar***[7] gie rilevat:

***Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "una necessita' impellente di***

[6] Vide *Margal Limited vs Eucharist Bajada,* TTZ, deciza 5 ta' Frar 2019 u l-casus classicus fl-ismijiet *Vittoria Cassar v. Carmelo Vassallo* (Appell Inferjuri, 29 ta' Mejju, 1937; riportata f'Kollez. XXIX-I-1581), citata b'approvazzjoni sa zminijiet ricenti, u fost decizjonijiet ohra, in re *Simone Eve Collett Sammut et v. Adam Sammut et* (Pim'Awla, 17 ta' Marzu, 2015.

[7] Vide Lorraine Nejjar vs Zoher Ibrahim Nejjar (Q.C. (S.F) (RCP) 16 ta' Marzu 2005)

***chiamata ad altri doveri imprescindibili"; L-impossibbilta' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.***

Id-decizjoni l-aktar iccitata f'materja ta' kontumajca hija dik fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-

***"(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;"***
***"(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza; "***
***"(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta; "***
***"(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;***
***"(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci; "***
***"(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa; "***
***"(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";***
***"(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali. "***

L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghall-forma ta' dizordni socjali.[8] Il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt

[8] Vide Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd – Qorti ta' l-Appell 28 ta' Jannar 2005:-

tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.[9]

Il-kaz odjern isib riskontru pien fl-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Marzu, 1994, fl-ismijiet ***Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin et*** fejn inghad:

> ***Dwar x'iwassal lill-kontumacja biex titqies bhala wahda kolpuza inghad li l-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-ligi, jonqos li jaghmel l-arrangamenti necessarji, fid-dar u fil-post tax-xoghol, biex jaslu ghandu l-ittri registrati li jaslulu, jew meta jaghmel dawk l-arrangamenti imbaghad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. Il-kazijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni ohra, u li jridu jigu risoluti skond il-konkretezza ta' kull kaz***

F'din l-imsemmija sentenza l-Qorti kienet tenniet b'enfasi li l-ligi, fl-Artikolu 187 tal-Kap. 12, tqieghed dmir fuq ic-cittadini kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni taghha li jaraw u jassiguraw li dawk il-persuni kollha li jghixu maghhom fid-dar fejn joqoghdu jikkonsenjawlhom l-ittri li jircievu.[10]

**Ikkonsidrat:**

Il-konvenut jispjega illi huwa ma kienx jaf li gie notifikat bir-rikors guramentat ta' din il-kawza, ghaliex in-notifika saret f'idejn ommu u din tefghet id-dokumenti fuq "*il-unit"* u nesiet tinfurmah bihom kif wara kollox tikkonferma omm l-intimat FA fix-xhiedha taghha. Il-konvenut jipprova jinkolpa lil ommu ghal kontumacja tieghu, u jsostni li malli ftakru fid-dokumenti huwa mar dritt ghand l-avukat tieghu u pprezenta r-rikors odjern ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu. Izid illi huwa dak iz-zmien kien ghaddej minn zmien hazin u kien ghadu kif hareg mill-program.

Ghar-rigward it-testimonjanza ta' omm l-intimat, din il-Qorti tqis illi tali xhieda m'hiex wahda affidabbli u dana stante li l-kronologija tal-fatti, kif svolgew skond omm l-intimat, m'huwiex verosimili. Filwaqt li mill-atti jirrizulta li r-rikors promotur gie notifikat fit-3 ta' Jannar tas-sena 2020, u *cioe* fil-bidu tas-sena li ghaddiet, hija tixhed li **l-karti mill-Qorti kienu waslu fis-sajf,** izda tghid ukoll li minn meta waslu l-karti sa meta huma ftakru f'dawk il-karti, **lahqu ghaddew**

[9] Ibid.
[10] Vide ukoll Miceli et v. Carmelo Pisani, deciza fit-28 ta' Ottubru 2004 u Fenici Insurance Agency Limited v. Paul Stoner deciza fit-22 ta' Novembru 2002.

**xahrejn**. Mistoqsija meta l-intimat beda jirrisjedi maghha twiegeb illi l-intimat ma kienx ilu jghix maghha u **tichad li kien ilhu jirrisjedi maghha minn Jannar**, kif jiddikjara huwa stess. Filfatt izzid li xi ftit qabel il-*lock down* mar jghix maghha, imma tghid ukoll li minn Marzu l-intimat kien imur jiekol ghandha imma imbaghad jitlaq.

Kif gia` osservat, dan kollu gara wara xahar mill-gurnata tan-notifika validament imwettqa u dana stante li gialadarba il-konsenja tal-kopja tal-att issir lil wahda mill-persuni indikati mill-ligi fl-Artikolu 187(1) tal-Kapitlu 12, ghandu jigi prezunt ghall-finijiet tan-notifika illi hija waslet ghand id-destinatarju, u ma hemm xejn fl-atti li tikkonvinci lill-Qorti li din il-presuzjoni giet meghluba f'dan il-kaz.

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm il-konvenut jiddikjara illi huwa kien ghaddej minn zmien hazin u li "*ma kellhux mohh",* **ma prezenta l-ebda prova oggettiva sabiex jistabbillixxi dan.** Pjuttost, hija l-fehma tal-Qorti illi l-konvenut naqas milli jistaqsi lill-ommu ghall-korrispondenza tieghu kif wiehed jippretendi minn adult '*maggiorenne e vaccinato'* sabiex jivverifika x'korrispondenza kien ircieva, anzi jidher li l-intimat kien jiddependi interament fuq ommu u jippretendi li ghandha tkun ommu li tinfurmah b'dak li jkun wasal. Testament ulterjuri ta'dan huwa l-fatt li lahaq ghadda ***xahar*** shih mid-data tan-notifika sal-prezentata tar-rikors odjern u mhux ftit granet.

Fil-kaz odjern huwa manifest illi jirrizulta kulpa mhux skuzabbli da parti tal-konvenut, b'mod li din il-Qorti ma tistax tirravviza, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, xi zball invincibbli, jew xi haga gravi, accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-konvenut li jikkostitwixxi impediment legittimu skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna.

Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tistax tignora n-negligenza u disinteress tal-konvenut, iktar u iktar meta konvenut kien ghadu kif ghadda mill-proceduri ta' medjazzjoni. Din il-Qorti taghmel taghha dak rilevat fid-decisjoni tal-Qorti tal-Familja diversament preseduta datata 13 ta' Marzu 2018 (190/2017RGM) u *cioe* li propju ghalhekk, l-intimat kien jaf li l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bil-kawza dwar il-meritu tal-vertenza bejniethom u kien hemm il-possibbilita` ossia il-probabilita' illi ser jigi notifikat bil-kawza relattiva fi zmien prossimu, kif wara kollox jiddikjara huwa stess *ex admissis.*

Illi ghaldaqstant, u abbazi tal-principji fuq elenkati, il-Qorti tiddikjara lil konvenut, ma rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu kif tezigi il-ligi, u ghalhekk tichad it-talba tieghu sabiex jipprezenta risposta guramentat f'din il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-konvenut tal-4 ta’ Frar 2020 u tiddikjara lill-konvenut kontumacja ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**